DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 127/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 48/2011 tal-20 ta' Mejju 2011 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 marbuta ma' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2009/105/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/404/KEE ([4]) li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

(5) Id-Direttiva 2010/35/KE tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE ([5]), 84/525/KEE ([6]), 84/526/KEE ([7]) u 84/527/KEE ([8]) u 1999/36/KE ([9]) li huma inkorporati mal-Ftehim u li għalhekk iridu jiġu mħassra taħt l-istess Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu VIII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punti 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/767/KEE), 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/525/KEE), 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/526/KEE), 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 84/527/KEE) u 6b (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KEE) għandhom ikunu mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2011.

2. It-test fil-punt 6 (id-Direttiva tal-Kunsill 87/404/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32009 L 0105**: Id-Direttiva 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 marbuta ma' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (ĠU L 264, 8.10.2009, p. 12)."

3. Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 6c (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/525/KE):

"6d. **32010 L 0035**: Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2009/105/KE u 2010/35/UE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

([1]) ĠU L 196, 28.7.2011, p. 26.
([2]) ĠU L 264, 8.10.2009, p. 12.
([3]) ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 220, 8.8.1987, p. 48.
([5]) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 153.
([6]) ĠU L 300, 19.11.1984, p. 1.
([7]) ĠU L 300, 19.11.1984, p. 20.
([8]) ĠU L 300, 19.11.1984, p. 48.
([9]) ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER